

32002R1748

2.10.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 264/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, Euratom) Nru 1748/2002  
tat-30 ta' Settembru 2002**

**li jintroduċi, fil-kuntest tar-riforma tal-Kummissjoni, miżuri speċjali biex jitterminaw l-impjegati ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej appuntati għal post stabbilit fil-Parlament Ewropew u ta' l-impjegati temporanji li jaħdmu fil-Gruppi Politiċi tal-Parlament Ewropew**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 283 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ippreżentata wara li rċeviet l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolament ta' l-Impjegati,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Parlament kien involut fristruzzurazzjoni l-aktar sħiħa dwar il-mod ta' kif jopera sa mill-1997, meta l-Bureau kien adotta strateġija ġdida dwar l-impjegati, ibbażata fuq il-ħtiġiet tad-doveri ġodda kif konferiti fuq il-Parlament Ewropew mit-Trattati.
- (2) Fid-dawl ta' erba'snin esperjenza fl-implementazzjoni ta' din l-istrateġija ġdida, u bil-għan li tkun stabbilita strateġija fuq termini fit-tul rigward ir-reklutaġġ, li tkun tilħaq il-ħtiġiet prevedibbli għal kapaċitajiet speċifiċi kif meħtieġa, il-Parlament Ewropew kien qiegħed jistudja l-ħtiġiet tiegħu tar-riżorsi umani għas-snin li ġejjin, bħala parti minn eżerċizzju biex iħejji lista operazzjonali tad-doveri u d-dmirijiet.
- (3) Il-Parlament Ewropew aktar minn hekk qiegħed jieħu l-passi meħtieġa, partikolarment permezz ta' taħriġ, biex jgħin fit-tqassim mill-ġdid ta' l-impjegati u biex jaġġusta bil-mod sodisfaċenti u effettiv l-aktar possibbli.
- (4) B'dana kollu, il-kapaċitajiet ta' sezzjoni ta' uffiċjali u impjegati temporanji li jaħdmu fil-Gruppi Politiċi, li jkunu laħqu l-età ta' 55 sena u li jkunu komplew mill-anqas 15 il-sena ta' mpieg, huma ferm imbiegħda mid-doveri li għandhom jittwettqu.
- (5) Il-Parlament Ewropew jeħtieġ profili ta' kapaċitajiet ġodda u bilanċjar mill-ġdid sabiex jistabbilixxi l-pjan tiegħu; imma n-numru ta' uffiċjali li jirtiraw bil-mod normali mhux sejer ikun biżżejjed biex jippermetti li l-kapaċitajiet meħtieġa jkunu akwistati permezz ta' reklutaġġ ta' uffiċjali u impjegati temporanji ġodda fi skala ta' żmien sodisfaċenti.

(6) Miżuri speċjali għandhom għalhekk ikunu adottati fir-rigward tat-terminazzjoni tal-impjegati flimkien ma l-arranġamenti amministrattivi nterni għall-monitoraġġ effettiv ta' l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(7) Dawn il-miżuri għandhom ikunu applikati sa kemm jista jkun possibbli billi jingħata każ għall-bilanċ ġeografiku, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(8) Dawn il-miżuri għandhom ikunu newtrali mal-budget. Għal dan il-għan, mekkaniżmu ta' monitoraġġ għandu jkun stabbilit mill-awtorità tal-budget,

ADOTTA DAN ID-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Il-Parlament Ewropew huwa b'hekk awtorizzat, fl-interessi tas-servizz u sabiex jieħu akkont tal-ħtieġa li jġedded il-kapaċitajiet li jirriżultaw mill-iffukar mill-ġdid ta' l-użu tar-riżorsi tiegħu fuq l-attivitajiet tiegħu, li jadotta miżuri sal-31 ta' Diċembru 2004 għat-tmiem ta' l-impjegati, fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 47 tar-Regolamenti ta' l-Impjegati, għal uffiċjali u impjegati temporanji fil-Gruppi Politiċi li jkunu laħqu l-età ta' 55 sena u li jkunu ilhom mill-anqas 15 il-sena fl-impjegati, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-Gradi A 1 u A 2, permezz tal-kondizzjonijiet speċifikati b'dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 2*

In-numru totali ta' uffiċjali li għandhom ikunu koperti bil-miżuri referuti fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' 100. In-numru totali ta' impjegati temporanji li jaħdmu fil-Gruppi Politiċi li għandhom ikunu koperti bil-miżuri referuti fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' 24.

Il-ħarsien għan-newtralità tal-budget għandu jkun immonitorjat matul il-proċedura annwali tal-budget. Għal dan il-għan, l-Awtorità tal-Ħatra għandha, billi tieħu akkont tar-rabta bejn in-numru ta' uffiċjali li l-impjegati tagħhom kien ġie tterminat u n-numru ta' uffiċjali reklutati, tgħamel rapport lill-awtorità tal-budget fil-waqt propizju, billi tiċċertifika li l-kondizzjonijiet tan-newtralità tal-budget tkun milħuqha.

*L-Artikolu 3*

Fil-qofol tal-massimi stabbiliti fl-Artikolu 2, u b'attenzjoni xierqa fl-interessi tas-servizz, il-Parlament Ewropew, wara li jkun ikkonsulta lill-Kumitat Konġunt tiegħu, għandu jagħżel, minn fost l-uffiċjali u l-impjegati temporanji li jaħdmu fil-Gruppi Politiċi li japplikaw għat-temm ta' l-impjegati tas-servizz tagħhom permezz ta' l-Artikolu 1, fuq dawk li huwa jixtieq li japplika din il-miżura.

<sup>(1)</sup> L-Opinjoni mogħtija fil-24 ta' Settembru 2002.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Mejju 2002.

<sup>(3)</sup> ĠU C 236, ta' l-1.10.2002, p. 7.

Għandu jikkunsidra bħala uffiċjali u mpjegati temporanji affettwati bil-miżuri ta' ri-organizzazzjoni u l-miżuri għall-aġġustament tar-riżorsi tiegħu dwar l-attivitajiet tiegħu, partikolarment ta' tqassim mill-ġdid tal-kapaċitajiet li huma meqjusa li huma ferm imbiegħda mid-doveri li għandhom ikunu mwettqa. Għandu jieħu akkont ta' l-ammont tat-taħriġ meħtieġ għalihom biex jidħlu għal doveri ġodda, l-età, l-abilità, il-produttività tagħhom, l-imġieba waqt ix-xogħol, iċ-ċirkostanzi tal-familja u t-tul ta' l-impjieg.

#### L-Artikolu 4

1. Uffiċjali u l-impjegati temporanji li qabel kienu impjegati u li l-impjieg tagħhom huwa tterminat permezz ta' l-Artikolu 1 għandhom ikunu ntitolati għal allokkazzjoni ta' kull xahar stabbilita bħala persentaġġ ta' l-aħħar salarju bażiku tagħhom li jkunu rċevew skond l-età u t-tul ta' l-impjieg fil-waqt tat-tluq kif muri fit-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament. L-aħħar salarju bażiku għandu jkun dak għall-grad u l-pożizzjoni okkupata mill-uffiċjal jew mill-membri ta' l-impjegati temporanji fil-waqt tat-tluq, iddeterminat b'referenza għat-tabella fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti ta' l-impjegati li jkunu eżistenti fl-ewwel jum tax-xahar li fih l-allokkazzjoni tkun imħallsa.

2. Uffiċjali u impjegati temporanji bħal dawn li qabel kienu impjegati jistgħu fi kwalunkwe waqt, fuq it-talba tagħhom stess, jirċievu penzjoni ta' l-irtirar skond it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti ta' l-impjegati. L-intitolament għall-allokkazzjoni għandu imbagħad jispiċċa. Għandu jispiċċa fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xahar li fih dak li qabel kien l-uffiċjal jew l-impjegat temporanju kkonċernat jilħaq l-età ta' 65 sena jew malli hu jew hi jkun eliġibbli qabel dik l-età għall-penzjoni massima ta' l-irtirar ta' 70 % (L-Artikolu 77 tar-Regolamenti ta' l-impjegati).

F'dak il-punt, dak li qabel kien l-uffiċjal jew il-membri ta' l-impjegati temporanji għandu awtomatikament jirċievi penzjoni ta' l-irtirar, li għandha jkollha effett fl-ewwel jum tax-xahar kalendarju li jiġi wara x-xahar li l-fih l-allokkazzjoni tkun imħallsa għall-aħħar darba.

3. L-allokkazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun aġġustata skond il-peżati stabbiliti, bi qbil mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 82(1) tar-Regolamenti ta' l-impjegati, għal dak il-pajjiż li jinsab fi ħdan il-Komunità li fih ir-riċevitur jagħti provi li huwa residenti. Ir-riċevituri għandhom jipprovdu evidenza kull sena tal-post tar-residenza tagħhom.

Jekk ir-riċevitur ikun jabita f'pajjiż li jinstab il-barra mill-Komunità, il-peżar li għandu jkun applikat għall-allokkazzjoni għandu jkun ta' 100.

L-allokkazzjoni għandha tkun espressa feuro. Għandha titħallas fil-munita tal-pajjiż tar-residenza tar-riċevitur. B'dana kollu, jekk tkun suġġetta għal peżar ta' 100 permezz tat-tieni subparagrafu, għandha tkun imħallsa feuro.

L-allokkazzjoni li tkun imħallsa f'munita apparti milli l-euro għandha tkun ikkalkolata fuq il-bażi tar-rati tal-kambju referuti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 63 tar-Regolamenti ta' l-impjegati.

4. Meta d-dħul gross li jakkumula, għal dak li qabel kien l-uffiċjal jew membru ta' l-impjegati temporanji, minn xi impjieg ġdid, meta magħqud ma l-allokkazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1, jeċċedi r-remunerazzjoni gross totali l-aħħar akwistata mill-uffiċjal ikkonċernat, iddeterminata b'referenza għall-iskali tas-salarju eżistenti fl-ewwel jum tax-xahar li dwaru l-allokkazzjoni hija pagabbli, l-ammont ta' l-eċċess għandu jkun imnaqqas minn dik l-allokkazzjoni. Dik ir-remunerazzjoni għandha tkun peżata kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafu 3.

Id-dħul gross u t-total tar-remunerazzjoni gross l-aħħar akwistat, kif referut fl-ewwel subparagrafu, ifisser is-somom imħallsa wara t-tnaqqis tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali imma qabel it-tnaqqis tat-taxxa.

Dak li qabel kien l-uffiċjal jew membru ta' l-impjegati temporanji għandu jagħti impenn formali li jipprovdi kwalunkwe prova bil-miktub li tista tkun meħtieġa, inkluża stqarrija annwali tad-dħul fil-għamla ta' stqarrija tas-salarju jew ta' kontijiet awditjati, kif xieraq, dikjarazzjoni b'għurament u awtentikata li hu jew hi ma kienx jirċievi xi dħul ieħor minn xi impjieg ġdid, u għandu jinnotifika lill-istituzzjoni b'xi fattur ieħor li jista jaffettwa id-dritt tiegħu jew tagħha għall-allokkazzjoni, li fin-nuqqas ta' dan hu jew hi jista jkun suġġett għal azzjoni dixxiplinarja kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 86 tar-Regolamenti ta' l-impjegati.

5. Kif stabbilit fl-Artikolu 67 tar-Regolamenti ta' l-impjegati u l-Artikoli 1, 2 u 3 ta' l-Anness VII tiegħu, l-allokkazzjoni residenzjali, l-allokkazzjoni ta' tfal dependenti u l-allokkazzjoni ta' l-edukazzjoni għandha titħallas lir-riċevitur ta' l-allokkazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 jew lill-persuna jew lill-persuni li l-kustodju tat-tfal tkun għet fdata bil-liġi jew b'ordni ta' qorti jew ta' awtorità amministrattiva kompetenti; l-allokkazzjoni residenzjali għandha tkun ikkalkolata b'referenza għall-allokkazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1.

6. Basta li dawn ma jirċievux dħul minn impjieg bi qliegħ, ir-riċevituri ta' l-allokkazzjoni għandhom ikunu ntitolati, fir-rigward tagħhom stess jew tal-persuni koperti bl-assigurazzjoni tagħhom, għal benefiċċji permezz tal-iskema ta' l-assigurazzjoni tal-mard li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 72 tar-Regolamenti ta' l-impjegati, basta li dawn iħalsu l-kontribuzzjoni rilevanti, ikkalkolata fuq il-bażi ta' l-allokkazzjoni kif hemm provvediment dwar dan fil-paragrafu 1.

7. Matul il-perijodu li għalih huma ntitolati li jirċievu l-allokkazzjoni, imma għal mhux aktar minn 65 xahar, dawk l-uffiċjali li qabel kienu mpjegati għandhom jibqgħu jakwistaw aktar drittijiet għall-penzjoni ta' l-irtirar ibbażata fuq is-salarju marbut mal-grad jew mal-pożizzjoni tagħhom, basta li l-kontribuzzjoni li hemm provvediment dwarha fir-Regolament ta' l-impjegati b'referenza għas-salarju mħallas ma tul il-perijodu u basta li l-penzjoni totali ma tkunx teċċedi l-massimu speċifikat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 77 tar-Regolamenti ta' l-impjegati. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti ta' l-impjegati, perijodu bħal dan għandu jkun ikkunsidrat bħala perijodu ta' l-impjieg.

8. Suġġett għall-Artikoli 1(1) u 22 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti ta' l-Impjegati, il-mara/raġel ta' dak li qabel kien uffiċjal jew ta' membru mill-impjegati temporanji li jkun miet waqt li jkun jirċievi l-allokazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ntitolati, basta li huma kienu il-mara/raġel ta' dak li qabel kien l-uffiċjal għal mill-anqas sena meta hu jew hi jkun ħalla l-impjieg ta' dik l-istituzzjoni, lejn il-mara/raġel li jibqgħu ħajjin għall-penzjoni egwali għal 60 % tal-penzjoni ta' l-irtirar li kieku kellha tkun imħallsa, fl-assenza ta' xi tnaqqis permezz ta' l-Artikolu 9 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti ta' l-Impjegati li jkun jsiru, lejn dak li qabel kien uffiċjal jekk hu jew hi tkun ikkwalifikat għaliha fil-waqt tal-mewt tiegħu/tagħha.

Il-penzjoni ta' dawk li jibqgħu ħajjin referuti fis-subparagrafu preċedenti m'għandhiex tkun anqas mill-ammonti speċifikati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 79 tar-Regolament ta' l-Impjegati. B'dana kollu, fl-ebda każ ma tista teċċedi l-ammont tal-penzjoni ta' l-irtirar li dwarhom dak li qabel kien l-uffiċjal jew membru ta' l-impjegati temporanji kien ikun intitolat jekk hu jew hi jibqgħu ħajjin u jkun ingħata penzjoni ta' l-irtirar meta ma jibqgħux aktar eliġibbli għall-allokazzjoni referuta hawn fuq.

It-tul minimu taż-żwieġ kif riferut fl-ewwel subparagrafu m'għandux ikun meqjus jekk ikun hemm wieħed jew aktar tfal ta' żwieġ ikkuntrattat mill-uffiċjal jew mill-membru ta' l-impjegati

temporanji qabel ma hu jew hi jkun ħalla l-impjieg basta li l-mara/raġel li jibqa hajj ikun imantni jew kien imantni lill-dawk it-tfal.

L-anqas m'għandu t-tul taż-żwieġ ikun meqjus jekk il-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal jew membru ta' l-impjegati temporanji jirriżulta minn waħda miċ-ċirkostanzi referuti fit-tmien tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 17 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti ta' l-Impjegati.

9. Mal-mewt ta' dak li qabel kien uffiċjal jew membru ta' l-impjegati temporanji li kien jirċievi l-allokazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 1, it-tfal dependenti fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 2 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti ta' l-Impjegati għandhom ikunu ntitolati għall-penzjoni ta' l-orfni skond il-kondizzjonijiet kif stabbilti fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 80 tar-Regolamenti ta' l-Impjegati u fl-Artikolu 21 ta' l-Anness VIII tar-Regolamenti ta' l-Impjegati.

#### L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Settembru 2002.

Għall-Kunsill

Il-President

P. S. MØLLER

## L-ANNEX

**PERSENTAĠĠ TA' L-ALLOKAZZJONI**

Il-persentaġġ ta' l-allokazzjoni referuta fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi ta' l-età u t-tul ta' l-impjieg ta' l-uffiċjali jew tal-membri ta' l-impjegati temporanji fil-waqt tat-tluq tagħhom kif muri fit-tabella ta' hawn taħt:

Tul tas-servizz	Età	minn 55 sa 56 sena	minn 57 sa 58 sena	minn 59 sa 60 sena	minn 61 sa 62 sena	63 sena u aktar
Minn 15 sa 19 il-sena		60,0 %	60,0 %	60,0 %	62,0 %	64,0 %
Minn 20 sa 24 sena		60,0 %	60,0 %	62,0 %	64,0 %	66,0 %
Minn 25 sa 29 sena		62,0 %	64,0 %	66,0 %	68,0 %	70,0 %
30 sena jew aktar		64,0 %	66,0 %	68,0 %	70,0 %	70,0 %

**Il-Livell ta' l-allokazzjoni li jiddependi mill-età u t-tul ta' l-impjieg**

L-età u t-tul ta' l-impjieg għandhom ikunu meqjusa b'relazzjoni mad-data attwali tat-tluq ta' l-uffiċjal jew tal-membri ta' l-impjegati temporanji kkonċernat.

L-applikazzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet għal grupp immirat ta' uffiċjali jew impjegati temporanji fuq il-bażi peżata tagħti medja massima ta' allokazzjoni ta' 62,5 %.